# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 2185

Kaz Nru. 2648/HW

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Alex Lia**

**u**

Dragonara Resort Limited
(C-16656)
Bhala operatur ta' The Westin
Dragonara Resort

**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta)**

## Chairman :Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

Dan il-Kaz gie referut lit-Tribuanl Industrijali perezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrent Alex Lia, pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-22 ta' Dicembru 2008. Meta it-Tribunal Indsutrijali beda jisma' il-Kaz inkwistjoni, deheru ir-rikorrent li kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey u ghas-Socjeta ntimata dehret Ms Michelle Fenech Seguna li kienet assistita mill-Avv. Andrew Borg Cardona.

Fl'istqarrija tal-kaz, ir-rikorrent jghid li hu kien impjegat bhala Fitness Instructor fuq bazi part-time mas-socjeta intimata sa' mill-4 ta' Lulju tas-sena 2003, u l-impieg tieghu kien gie tterminat fit-22 ta' Settembru 2008, u ir-raguni tat-temm ta' l-impieg li giet moghtija hija ta' rizenja.

Ir-rikorrent ikompli jghid fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li kif jidher mid-dokumenti ta' l-ETC, ir-raguni li giet moghtija mill-Kumpanija ta' rizenja ma hix ffirmata minnhu u dan peress illi huwa qatt ma rrizenja mill-impieg tieghu. Ghaldaqstant, huwa jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiehu konjizzjoni tal-kaz u jiddeciedi li r-raguni tat-temm ta' l-impieg ma kienitx ghal raguni ta' rizenja, izda kienet ta' tkeccija ngusta mill-impieg.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tnizzlet bi zball bhala rizenja u dan peress illi ntuzat template antika.

Is-Socjeta tkompli tghid fl-istqarrija tal-kaz taghha, illi it-tkeccija sehhet billi l-appellanti ma giex mghajjat ghax-xoghol aktar u dan wara li gie verifikat illi kien qed jiehu hsieb numru ta' klijenti partikolari, billi jtihom personal training waqt li kien suppost qed jaqdi l-htigijiet tal-klijenti kollha li juzaw il-facilita tal-lukanda. Hija tghid ukoll, li dwar dan kien imwissi qabel, izda huwa ma tghax kaz.

Is-Socjeta tkompli tghid, li l-appellant kellu diversi nuqqasijiet f'dak li jirrigwardja ix-xoghol tieghu, per ezempju zamma ta' hin, performance u disponibilta u fil-passat kien gie sospiz darba, ghax dahal fi glieda ma kollega u darb'ohra minhabba l-personal training li kien jaghmel kontra l-istruzzjonijiet li kellu.

Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrent kien impjegat mas-Socjeta intimata fuq bazi parti-time, bhala Fitness Instructor mill 4 ta' Lulju 2003. Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Socjeta waqfet li tkompli issejjah ir-rikorrent ghax-xoghol u ddeciediet li titterminalu l-impieg b'effet mit-22 ta' Settembru 2008. Mill-provi jirrizulta wkoll,

li ghalkemm is-Socjeta ddikkjarat li ir-ragnni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet dik ta' rizenja pero gie stabilit quddiem it-Tribunal Industrijali, li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' impieg kienet dik ta' tkeccija.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Socjeta ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikkorrent ghar-raguni, li kienet qed tissuspetta li kien qed jghati attenzjoni zejda lill certu klijenti u interpretat dan li kien qed jghati "personal training" u dan ma kienx accettabbli ghas-Socjeta, ghaliex wiehed mill-ghanijiet tax-xoghol tieghu kien li jghati l-istess attenzjoni lill klijenti kollha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Socjeta kompliet issahhah dan is-suspett peress, li ir-rikorrent kien ircieva xi flus waqt il-hin tax-xoghol minn wiehed mill-klijent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrent innega dawn l-allegazzjonijiet tas-Socjeta u gie spjegat quddiem it-Tribunal Industrijali li huwa qatt ma ta' "personal training" izda, kien hemm xi klijenti li kienu jitolbu l-assistenza tieghu aktar minn klijenti ohra. Minn naha tar-rikorrent spjega wkoll lit-Tribunal Industrijali, li huwa qatt ma ircieva flus minghand hadd ghax-xoghol li kien qed jghamel waqt il-hin tax-xoghol u l-incident imsemmi ma kien xejn ghajr li l-klijent involut kien jafu u kien iltaqgha mieghu barra l-hin tax-xoghol u kien hemm okkazzjoni fejn ried jixtri xi haga u f'dak il-hin ma kellux flus bizzejjed u selfu ammont ta' flus. Ir-rikorrent spjega wkoll, li l-flus li kien ircieva waqt il-hin tax-xoghol kienu flus li kien sellef qabel lill klijent imsemmi. Ir-rikorrent spjega wkoll, li kieku kien il-kaz li l-flus li ircieva kienu hlasijiet ghax-xoghol li kien qed jghamel, ma kienx se jircieviehom waqt il-hin tax-xoghol meta l-premises kienu monitorjati b'camers tas-sigurta, li permezz taghhom il-management kien jaf ezatt x'kien qed isir il-hin kollu.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management ma kienx informa lir-rikorrent b'dawn l-alleggazzjonijiet qabel ma ddecieda li jittermina l-impieg tieghu.

Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-

partijiet, isib li ir-rikorrent ma kellux smigh xieraq biex jiddefendi l-allegazzjonijiet tas-Socjeta fil-konfront tieghu. Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ngusta. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, is-Socjeta ghandha thallas lir-rikorrent kumpenss li jammonta € 1,000 (elf €uro), liema kumpenss ghandu jithallas fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

Vera Kopja

**Harold Walls**
**Chairman**

**M'Rose Galea**
**Segretarju**

**Data** 27th Nov 2012.